**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Kelvin Magri**
**Josephine Magri**
**Andrew Magri**

**Illum 16 ta' Dicembru 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 503/2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Kelvin Magri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 52903(L), Josephine Magri, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 572279(M) u Andrew Magri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 426577(M), billi huma akkuzati talli nhar it-8 t'April 2021 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula minnhom fi zminijiet u postijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda huma:

1. Gieghlu annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammew jew qablu li jzommu annimali minghajr ma kienu responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqsu milli jiehdu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizguraw li l-htigijiet tal-annimal li huma kienu responsabbli ghalihom, jew li qablu li jiehdu hsieb, jintlahaq hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimali li jinkludu fost ohrajn il-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta'dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imgieba normali taghhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn ugiegh, tbatija, korrimenti u mard u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, talli ppermettew li jsir intervent kirurgiku ghal ragunijiet ta' tibdil fl-apparenza u mhux ghal skopijiet medici tal-annimal u dan bi ksur tar-regolament 9 tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqsu milli jirregistraw u johorgu licenzja lill-annimal fil-pussess taghhom u dan bi ksur ta' Artikolu 4 u 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja numru 437.101 Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi;

Rat illi, waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2021, id-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq u b'hekk ghalqet il-provi taghha;

Semghet sottomissjonijiet finali;

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-eewel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz

tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Il-verita' storika**[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deciz 6 ta' Frar 2020

kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil- gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil- profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-

provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil- miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il- Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda

jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall- provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[4] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial*

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> *Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[6] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal- akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-

---

[6] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xiehda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u ghandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal- Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diga' ddikjarat aktar 'l fuq kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost

oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[7]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qeghdin jigu akkuzati l-imputati.

---

[7] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

**<u>In-nuqqas ta' rispett lejn l-annimali</u>**

In-nuqqas ta' rispett lejn l-annimali u l-moħqrija tagħhom għandu ħafna forom:

- Fl-industrija tal-ikel: l-ispazji limitati u mudlama li fihom jitrabbew ċerti annimali; fit-trasport u l-ħatt ta' annimali għall-qatla; fil-mod krudil u inuman li bih jinqatlu; fil-ħela ta' prodotti tal-laħam li jikkawżaw domanda fittizja għal dawn il-prodotti.

- Fid-divertiment: is-swat li jieħdu l-bhejjem tat-tiġrija fit-tlielaq; it-tortura li jsofru annimali taċ-ċirku biex jitgħallmu t-tricks; il-gaġeġ u l-akkwarji ristretti li jkollhom jgħixu fihom annimali selvaġġi mdorrijin fil-ftuħ; il-kaċċa ta' annimali biex jinżammu bħala trofej; l-użu ta' annimali waqt protesti, musketterija u l-logħob tal-football; il-ġlied tas-sriedak u l-klieb.

- Fil-moda: il-modi krudili li bihom jitrabbew u jinqatlu l-annimali għall-produzzjoni ta' kowtijiet u prodotti oħra tal-fur; l-eluf ta' annimali bħal fniek li jsofru torturi kbar waqt it-testijiet ta' prodotti bħal shampoos, sapun u make-up.

- L-eluf ta' ġrieden, fniek, qtates, klieb, xadini u annimali oħra li jsofru injezzjonijiet, operazzjonijiet, mutilazzjoni u stress qawwi, ħafna drabi bla bżonn, bl-iskuża tar-riċerka.

- Il-qerda u t-tniġġis ta' abitati differenti minħabba l-iżvilupp abbużiv tal-kampanja li jwassal għall-qerda ta' ħafna annimali selvaġġi.

**<u>Moħqrija fuq l-annimali</u>**

Illi l-imputati jinstabu mixlija principalment b'imputazzjonijiet regolati mill-Att dwar it- Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439).

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha fl-ismiojiet il-**Pulizija vs Leon Borg** deciza fit-12 ta' Mejju 2020 u il-**Pulizija vs Noel Attard** deciza fl-1 ta' Settembru 2020.

L-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:

> *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.*

Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum.

Bil-piena għal dan ir-reat jigi regolat mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi imbaghad l- artikolu 2 ta'l-Att taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:

*''**moħqrija**'', fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġigħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;*

Hekk kif il-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin iħobbu l-annimali u dawk li jrabbu l-annimali domestiċi qiegħed dejjem jiżdied. Għandu minnufih jintbagħat messaġġ b'saħħtu lil dawk il-persuni li iwettqu atti moħqrija fuq l-annimali, għaliex dawn l-atti mhux aċċettabbli.

*Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċih fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' ġġegħlu jbati billi ttih ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ġġegħlu jbati billi tonqos milli ttih biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' ġġegħlu jbati wġigħ billi issawtu fiżikament daqskemm tista' ġġegħlu jbati wġigħ billi ma ttihx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu*[8]*.*

[8] Appell numru 146 tal-2019 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo ZAMMIT** deciz mill-Imhallef Aaaron Bugeja fit-12 ta' Novembru 2019

L-Imhallef Michael Mallia fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija (Sp. Fabian Fleri) Vs Joseph Galea**[9] kien dahal f'dettal meta evalwa l-mohqrija tal-annimali wara l-kaz li qajjem furur wara l-mohqrija u l-qtil tal-kelba Star:

*"L-istorja aggjaccanti illi xxukkjat nazzjon tal-kelba "Star", dan il-kaz partikulari fejn kelba ohra intremiet hajja fi skip ta' l-iskart u thalliet hemmhekk ghal tnax (12) –il siegha shah f'tereturi mmaginabbli sakemm kumbinazzjoni nstabet minn persuna li kien ghaddej vicin dan l-iskip. Il- kaz ta' klieb u qtates imsamrin fuq kurcifiss imhallija mdendla ma xi kancell jew grada, Zwiemel tal-karozzini mhallijin ghal sighat twal weqfin taht il-qilla tax-xemx minghar protezzjoni biex jaghtu sodisfazzjon ta' ftit flus lil sidhom. Klieb imhollija marbuta minghar protezzjoni ghall-elementi, sajf u xitwa. Il-glied tal-klieb organizzat b'mod kalndestin illi minn zmien ghal zmien jitfacca ghal skrutinju mistmerr tal-pubbliku. U fl-ahhar u xejn inqas il- qtil ta' l-annimal ghal divertiment tal-bniedem."*

L-gharef politiku u kbir statista Mahatma Gandhi darba kien qal illi l-kburija ta' pajjiz huwa meqjuz mill-mod kif il-pajjiz jitratta l-annimali tieghu. Sfortunatament f'dan il- kuntest il-poplu Malti ma tanx ghandu ghalxiex jiftahar fejn minn zmien ghal zmien qeghdin johrogu rapporti u cirkostanzi ta' mohqrija ta' annimali illi jiddisturbaw il-kuxjenza tal-maggoranza li ghandhom ghal qalbhom il-gid jew kif inhu maghruf bl-Ingliz "*well being*" ta' l-annimali.

[9] Appell Kriminali Numru. 396/2011 deciz fid-29 ta' Mejju 2013 kien dahal f'dettal meta evalwa l-mohqrija tal-annimali wara l-kaz li qajjem furur tal-kelba Star.

L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:

1. Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.
2. Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.
3. Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.
4. Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.
5. Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.

Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juza u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif joghgbu izda ghandu r-responsabilta li jassigura li dawn id-drittijiet jigu mharsa.

## Interventi Kirurġiċi fuq Annimali

F'pajjizna ukoll dahlet id-drawwa li jsiru interventi fuq partijiet tal-gisem biex ma jithallewx kif originarjamnet kienu. Filwaqt li hemm interventi bzonjuzi minhabba ragunijiet medici u jghinu lil dawk li jkunu ghaddew minn trawma minhabba mard, hemm hafna jaghmlu dan ghax ma jkunux kuntenti bix-xbiegha taghhom. Ghazla li tiehu l-persuna.

Izda fejn jidhol l-annimal din mhix ghazla tieghu izda ghazla ta' min ikollu l-pussess tieghu. Il-Qorti ma tifhimx ghaliex hlejqa jsirulha interventi biex ma tibqax innocenti kif inholqot izda jkun hemm min jaqtalha bicciet minn widnejha ghal skopijiet ohra, biex mill-harsa innocenti tal-bhima tibda tidher bhala wahda gellidija.

Amy L. Broughton mill-Michigan State University College of Law fl-artiklu bit-tema ***Cropping and Docking: A Discussion of the Controversy and the Role of Law in Preventing Unnecessary Cosmetic Surgery on Dogs*** tispjega li:

> Ear cropping refers to the practice of reshaping a dog's ears by surgically removing the pinna, or "floppy part" of the ear. Generally, approximately one-half of the ear is removed. Ears are cropped when a puppy is between nine and twelve weeks old. Because ear cropping is a surgery and a general anesthetic is required, the procedure is generally performed by a veterinarian, although breeders and dog owners often undertake amateur attempts of the ear cropping procedure. Once the pinna is removed, the veterinarian then tapes the ears in an erect position to a splint or bracket. Post-operative pain medication is rarely provided, though the ears have blood flow and are comprised of cartilage and nerves.[10] A series of follow-up visits are conducted during which the ears are handled, stretched along the edges, and re-taped.[11] No scientific studies have been conducted to establish

[10] Hofve, www.api4animals.org/doc.asp?ID=563
[11] Ibid.

whether docking and cropping and docking have any medical value.[12]

Il-qasam tal-kirugija tal-annimali hu regolat u ghalhekk kull intervent li jsir lil hinn minn kif jipprovdu dawn ir-regolamenti jsoffri konsegwenzi.

L-AVVIŻ LEGALI 194 tal-2015 li jitratta r-Regolamenti dwar l-Interventi Kirurġiċi fuq Annimali[13]

"**interventi kirurġiċi**" tfisser kull proċedura medika li tinvolvi l-qtugħ bi strumenti u, jew manipulazzjoni tal-ġisem ta' animal;

"**kirurġija veterinarja**" tirreferi għall-proċess ta' twettiq ta'interventi kirurġiċi;

**"raġunijiet ta' kura**" tirreferi għal kirurġija veterinarja jewinterventi kirurġiċi intiżi li jkunu ta' benefiċċju lill-annimal utinkludi interventi li:

(a) huma meħtieġa biex ifejqu annimal minn marda jewdiżordni; jew

(b) jitqiesu li huma meħtieġa bħala miżuri preventivi mill-veterinarju responsabbli għas-saħħa u l-benesseri tal-annimal.

Artikolu hamsa ta' dan l-avviz legali jindika liema huma l-interventi kirugicici fuq l-annimali :

(a) interventi kirurġiċi għal raġunijiet ta' tibdil tal-apparenza jew tal-kapacità tal-annimal permezz ta' tneħħija jew alterazzjoni ta' xi parti jew partijiet tal-ġisem tal-annimal;

[12] Allison White, Ear Cropping: The Keymaster Philosophy, at http://www.keymasterdanes.com/crop.htm (last visited July 3, 2003).
[13] LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 439.18

(b) qtugħ tad-denb;

(ċ) interventi kirurġiċi sabiex jitnaqqas b'mod permanenti l-volum tal-kordi vokali tal-annimali;

(d) interventi kirurġiċi sabiex jitneħħew id-dwiefer tal-annimali;

(e) interventi kirurġiċi sabiex jitneħħew l-injieb tal-annimali; u

(f) interventi kirurġiċi li jinvolvu l-qtugħ tal-widnejn tal-annimali.

Min jaghmel xi att minn dawn huwa suggett ghal pieni msemmija fl-artikoli45 u 47 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu hames (5) xhieda kif gej:

Gerald Ebejer (*a fol* 21 et. seq.); Elaine Camilleri (*a fol* 37 et. seq.); Alison Bezzina (*a fol* 46 et. seq.); Dr. Luke Vella Verzin (*a fol* 50 et. seq.); PC 1160 Justin Debono (*a fol* 53 et. seq.).

Stante li x-xhieda tinstab traskritta m'hemmx il-bzonn li din tkun riprodotta f'din is-sentenza izda se ssir referenza ghal punti li huma importanti biex ikun trattat u deciz dan il-kaz.

**Il-fatti tal-kaz**

Dan i-kaz kellu l-bidu tieghu b'informazzjoni li waslet ghand il-Kummissarju ghall-Harsien tal-Annimali fejn kelb jidher li kien hemm qtugh tal-widnejn tal-istess kelb. Min ta l-informazzjoni prova ritratt ta'

kelb qabel sar intervent fuqu kif ukoll ritratt ta' kelb b'widnejn maqtugha. Kien iddentifikat fejn jista' jkun il-kelb minhabba dettalji li hargu fuq pagna ta' facebook. L-ufficjali mid-dipartiment tal-harsien tal-annimali ghamlu spezjoni fejn jghixu t-tliet imputati fejn sabu l-kelb li jidher fir-ritratt fejn il-kundizzjoni tieghu kienet sew hafna tant li kien jghix f'kamra bl-arja ikkondizzjonata u ma kellu l-ebda gerha li normalment ikollhom klieb mahqura, li jintuzaw ghal glied jew inkella ma jkunux mizmuma fi stat ta' igene tajjeb u nuqqas ta' ikel.

L-imptat Kelvin Magri ha r-responsabilta' tal-kelb u ammetta f'dawn il-proceduri l-hames imputazzjoni li l-kelb ma kienx irregistrat skont Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb izda cahad li hu kien ghamel intervent fuq widnejn il-kelb u meta gabu missieru dan kien hekk u jekk hu l-istess kelb fir-ritratti esebiti allura dan l-intervent sar minn haddiehor.

KONKLUZZJONIJIET

Il-Qorti taghmila cara li ma taqbilx li jsiru interventi ta' qtugh tal-widnejn tal-klieb kif anke ghamel sew il-legislatur li projbixxa dan. Il-Qorti taghmilha cara li kieku irrizultalha li xi hadd mill-imputati wettaq dan l-intervent kienet issib htija dwar mohqrija tal-annimali bil-konsegwenzi kollha li hemm marbutha maghhom.

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tiddentifika lil min wettaq dan l-att fuq il-kelb. Strahet biss fuq l-informazzjoni li ghaddewlha dawn inkarigati mill-harsien tal-annimali.

Ma ngabitx prova minn fejn ittiehdu r-riratti esebiti liema ritratti ma kienux ritratt tal-pagna tal-facebook minn fejn ittiehdu. Lanqas it-taqsima specjalizzata tal-pulizija ma rnexxilha ssib ir-ritratti fuq il-pagna tal-facebook tal-imputata jew xi hadd mill-imputati l-ohra. PC1160 Justin Debono xehed li l-profil huwa ta' Josephine Magri (a fol 53) izda r-ritratti tal-kelb kif kien qabel il-qtugh tal-widnejn u wara ma kenx irnexxilhom jarawhom fuq il-profil.

Ix-xhieda Gerald Ebejer (*a fol* 21 et. seq.) u Elaine Camilleri (*a fol* 37 et. seq.) mid-dipartiment ghall-Harsien tal-Annimali xehdu kemm kien jinsab fi stat tajjeb il-kelb.

Il-Qorti trid toqghod fuq il-provi. Il-prosekuzzjoni naqset minn li tipprova l-akkuzi taghha sal-grad rikjest mill-Ligi u cioe oltre kull dubju dettat mir-raguni[14]. Dan il-fatt jimmanifesta ruhu kemm fin-nuqqas kwazi assolut ta' provi mressqa tal-Prosekuzzjoni u kemm mill-fatt li l-provi mressqa bl-ebda mod ma' jwasslu ghal grad rikjest sabiex jissustixxu l-elementi tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati hlief il-hames imputazzjoni li l-imputat Kelvin Magri ammetta.

[14] Dwar il-grad tal-prova oltre minn kull dubju dettat mir-raguni ara sentenza tal- Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Therese Attard Flores** deċiża nhar l-14 ta' Ottubru, 2021.

**DECIDE:**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati Josephine Magri u Andrew Magri ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk dawn l-imputati ser jigu liberati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom;

Rigward l-imputat Kelvin Magri filwaqt li ssibu hati tal--hames imputazzjoni li naqas milli jirregistra u johrog licenzja lill-annimal fil-pussess tieghu u dan bi ksur ta' Artikolu 4 u 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja numru 437.101 Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb stante ammissjoni  u tikkundannah ghal multa ta' tlett mitt ewro (€300) ma ssibux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u tiliberah minnhom..

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur